# Mozzjoni

Fid-dawl tal-fatt li l-istat ta' ħafna toroq f'Ħal Balzan huwa mill-agħar, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan għandu jagħmel pressjoni qawwija fuq il-gvern ċentrali biex dan jieħu azzjoni biex itejjeb is-sitwazzjoni fl-interess tar-residenti tal-lokal. Huwa totalment inaċċettabbli li l-gvern ċentrali jibqa' ma jagħmel xejn biex jieħu ħsieb toroq bħal Triq il-Wied li tinsab fi stat diżastruż. Wieħed jista' ukoll isemmi lil Triq il-Ferrovija l-Qadima u toroq oħrajn. Assolutament mhux biżżejjed li l-Kunsill Lokali qed jagħmel xogħlijiet fi Pjazza Bertu Fenech u se jibda fuq Triq l-Għerusija u Triq Ġuże` Bonnici.

Residenti bħal dawk li joqogħdu fi Triq il-Wied qed igorru, u bir-raġun, għax iħossuhom abbandunati mill-gvern ċentrali li qed jonqos mir-responsabbilta` tiegħu li jgħin lill-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan fejn jinħtieġu spejjes li dan ma jiflaħx għalihom biex isewwi toroq bħal Triq il-Wied. Dan l-aħħar sar xogħol ta' *patching* fi Triq il-Wied u fi Triq il-Ferrovija l-Qadima. Ir-reazzjoni tar-residenti kienet waħda negattiva għall-aħħar għaliex sostnew li dan kollu hu ħela ta' flus tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan. Dan għaliex bil-*patching* tkun biss qed issolvi l-problema għal żmien qasir ħafna u r-riżultati ma jiġġustifikawx l-ispiża tax-xogħlijiet.

Nixtieq ukoll niġbed l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali għall-hekk imsejjaħ *B'Kara-Ta' Xbiex Storm Water Tunnels Project.* Filwaqt li jiena totalment favur dan il-proġett li hu bżonnjuż ħafna, ma nistax ma nikkummentax li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan għandu jaċċerta ruħu li jkollu garanzija li fejn se jsiru x-xogħlijiet fl-inħawi ta' Triq Birbal ma tinħoloqx sitwazzjoni li jiġi ġġammjat it-traffiku f'lok fejn ħafna sewwieqa jkunu qed jaqsmu minn Ħ'Attard għal Birkirkara u lura fir-*rush hour.* Il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet

Rurali diġa` kkonferma li l-proġett "will undoubtedly require traffic deviations from time to time in different locations along the route". Barra minn hekk, il-kuntrattur involut kellu problemi kbar mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ minħabba li kien beda xi xogħlijiet u ma lestihomx u dan għad-detriment tar-residenti tal-inħawi fejn kienu qed isiru dawn ix-xogħlijiet. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan għandu jiżgura li ma jispiċċax f'xi sitwazzjoni simili.